**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 26 – L-ERBGĦA 30 TA' ĠUNJU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2 IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata minn Dr Marc Sant, il-Kunsill approva biex is-Sinjur Hugh Arnett jagħti konsulenza dwar il-ġestjoni tat-traffiku fil-lokalità ta' Ħal Lija biex jgħin itejjeb is-sinjali tat-traffiku fejn meħtieġ u jfassal prosposti ta' tibdil fis-sistema preżenti tat-traffiku bl-għan li tittaffa l-problema ezistenti.

2.2 Is-Sur Arnett ser jirċievi ħamsin ewro fix-xhar għas-sitt xhur li ġejjin bħala 'contingency fee'.

## 3 IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

3.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca. Dan ix-xogħol issa nbeda u għalkemm kien hemm dewmien fil-bidu mill-kuntrattur, wieħed irid jinnota li kien hemm ħtieġa ta' xogħlijiet li ma kenux previsti. Dan kien ix-xogħol biex jinbidlu mains tal-ilma u d-dranaġġ. Spiża li għaliha kella issir talba li ġiet aċċettata mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex tkun parti mill-proġett, PPP-Toroq.

3.2 Is-Sindku qal ukoll li qed issir insistenza mal-kuntrattur biex dan jassigura li ma jkunx hemm inkonvenjenza żejda lir-residenti waqt dan ix-xogħol.

3.3 Il-Kunsill approva wkoll biex tintbagħat ċirkulari biex tinforma lir-residenti bid-detallji tax-xogħlijiet kif ukoll bit-tibdil tat-traffiku li jkun meħtieġ waqt iż-żmien ta' dawn ix-xogħlijiet.

## 4 KUNTRATT KNIS TAT-TOROQ

4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew is-sejħa għall-offerti LLC/T/01/11 Knis ta' Toroq li għalqet fit 22 ta' Ġunju 2011.

4.2 Il-Kaxxa tat-tenders infetħet mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, fil-preżenza taż-żewg Kunsilliera, is-Sur Jeremy Dalli u Dr Mark Sant.

4.3 Skeda bid-dettalji ta' kull tender tpoġġiet fuq in-notice board tal-Kunsill.

4.4 Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva biex it-tender tkun aġġudikata lil Carmelo Gauci Ltd. għar–raġuni li din kienet l-orħos waħda u d-

deskrizzjoni ta' kif ser jinħadem ix-xogħol kienet tissodisfa l-ħtigijiet tal-Kunsill.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv għandhu jinforma lil dawk li ressqu l-applikazzjoni tat-tender b'din id-deċiżżjoni tal-Kunsill u l-Kuntrattur magħzul għandu jibda x-xogħol mill-ewwel gimgħa ta' Lulju, 2011.

4.6 Wara perjodu qasir ta' prova għandu jkun iffirmat il-kuntratt ta' dan it-tender bejn il-partijiet konċernati.

## 5 ĠIEH ĦAL LIJA

5.1 Wara diskussjoni il-Kunsill unanimament approva lista ta' persuni biex jinagħtaw Ġieħ Ħal Lija bħala rikonoxximent għal ħidma tagħhom li għamlet unur lil dan ir-raħal ta' Ħal Lija.

5.2 Lista fl-ordni alfabetika ta' dawn il-persuni:

- Il-mibki Sur Michael Cassar
- Sur Lawrence Cuschieri
- Sur Salvu Farrugia
- Sur Frans Portelli
- Sur Michael Saliba
- Sinjura Susan Sacco

## 6 ATTIVITÀ KULTURALI

- **LEJLA MALTIJA**

6.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Kunsill unanimament approva l-attività tal-Għaqda Sant'Andrija biex tinżamm lejla Maltija fi Triq Sant'Andrija nhar is-22 ta' Lulju 2011.

6.2 Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jkun hemm wardens waqt din l-attività.

- **HARĠA KULTURALI WIED IŻ-ŻURRIEQ**

6.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill unanimament approva biex tinżamm ħarġa kulturali fir-raħal taż-Żurrieq fejn in-nies jittieħdu l-mitħna tax-Xarolla u postijiet oħra ta' interess.

6.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill, is-Sur Alfred Buhagiar, għandhom jieħdu ħsieb iħejju programm biex jitqassam lir-residenti.

## 7 ANTENNA – TRIQ PREZIOSI, LIJA

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, li kien preżenti waqt l-aħħar seduta dwar l-Antenna li nżammet nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2011 quddiem l-Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon.

7.2 Waqt din is-seduta, il-Professur Joseph Aguis wieġeb għad-domandi li tressqu mill-avukat tal-Kunsill, Dr Kris Balzan.

7.3 Kopja ta' din is-seduta għandha titqassam lill-Kunsill biex kulħadd ikun infurmat.

7.4 Is-Smiegħ ta' din il-kawża għandha titkompla fit-18 ta' Ottubru 2011.

## 8 MOZZJONI NUMRU 1/2011

**MOZZJONI DWAR SKEMA TA' FINANZJAMENT TA' PROĠETTI SPEĊJALI F'LOKALITAJIET ŻGĦAR – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

8.1 Il-Proponent, is-Sur Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ta spjegazzjoni dwar il-proġett ta' tisbiħ fi Triq Trasfigurazzjoni li twettaq mill-kuntrattur u l-ħaddiema tal-Kunsill.

8.3 Il-Fanali li kienu ilhom imwaħħlin f'din it-Triq għal dawn l-aħħar ħamsin sena, inbidlu b'oħrajn ornamentali. Filwaqt li l-kuntrattur ħa ħsieb jagħmel it-toqob meħtieġa, il-ħaddiema tal-Kunsill ħadu ħsieb jarmaw dawn il-lanterni u jgħaddu l-komunikazzjoni tal-elettriku.

8.4 Il-proġett approvat biex ikun finanzjat taħt l-iskema fil-lokalitajiet żgħar għalhekk twettaq u l-Kunsill irċieva l-ħlas dovut mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

8.5 Ġie spjegat ukoll li biex il-parti tat-Triq Trasfigurazzjoni mit-torri 'l isfel tkun imdawla aħjar bħal ma hija l-parti ta' fuq, il-Kunsill kien approva biex jinxtraw dawn aktar fanali ornamentali u dawn jitpoġġew wara diskussjoni mal-Enemalta.

8.6 Wara din l-spjegazzjoni, ma kienx hemm aktar kummenti.

## 9 MOZZJONI NUMRU 2/2011

**MOZZJONI DWAR LAMPI ĠODDA/ORNAMENTAL LANTERNS – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

9.1 Il-Proponent, is-Sur Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, irrefera għall-ispjegazzjoni mogħtija fil-mozzjoni numru 1/2011.

9.3 Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 10 MOZZJONI NUMRU 3/2011

**MOZZJONI DWAR XIRI TA' DOG BINS – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

10.1 Il-Proponent, is-Sur Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

10.2 IL-Kunsill unanimament approva biex jitwaħħlu dog bins fi Triq Trasfugurazzjoni, Triq Robert Mifsud Bonniċi, Triq Preziosi u Triq il-Kunċizzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, għandu jieħu ħsieb biex dan ix-xogħol jitwettaq malajr kemm jista' jkun għaliex dawn kienu diġa ordnati.

## 11 MOZZJONI NUMRU 4/2011

**MOZZJONI DWAR IL-PROĠETT TAL-BLOKRETE – PROPONENT DR MARC SANT, SEKONDANT IS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA.**

11.1 Il-Proponent, Dr Marc Sant, ressaq il-mozzjoni tiegħu.

11.2 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, spjega li dan il-proġett huwa appoġjat mill-Kunsill għar-raġuni li dan huwa proġett kbir u ser ikun ta' ġid għar-residenti fil-lokalità.

11.3 Hu qal ukoll li ser jiltaqa' mas-sidien tal-Blokrete biex jistabillixxi l-progress ta' dan il-proġett li kulħadd jaf li jinvolvi nefqa kapitali sostanzjali u jirrikjedi ħafna xogħol biex jitwettaq filwaqt li l-azjenda li tħaddem ħafna nies trid tkompli għadejja bix-xogħol tagħha.

11.4 Is-Sindku stieden lil kull min irid aktar informazzjoni jista' jindaga aktar mal-MEPA u jikseb l-informazzjoni meħtieġa.

11.5 Wara din l-ispjegazzjoni ma kienx hemm aktar kummenti.

## 12 PROĠETTI F'LOKALITAJIET ŻGĦAR

12.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ipproponiet biex isiru preparamenti neċessarji fir-rigward ta' proġetti li l-Kunsill jista' jwettaq taħt l-iskema proġetti f'lokalitajiet żgħar.

12.2 Il-Kunsill unanimament approva dawn il-proġetti:

a. Tisbiħ Ċentru Rekreattiv permezz ta xogħlijiet li jinkludu lampi ornamentali, bankijiet, u bins.
b. Tisbiħ fiż-żona fejn jintlab il-boċċi.
c. Tisbiħ tal-'play area' u soft area fi Triq Robert Mifsud Bonniċi.
d. Tranġar ta' paviment ġewwa Triq Transifurazzjoni, mit-Torri 'l isfel.
e. Rinnovazzjoni tal-playing field tal-Mirakli.

## 13 ESTENZJONI TA' IMPJIEG - SEGRETARJU EŻEKUTTIV

13.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondant mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, ressaq mozzjoni b'urgenza biex is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, jingħata estenzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali.

13.2 Wara spjegazzjoni mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, u diskussjoni mill-kunsilliera, din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 14 IL-LAQGĦA

14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Ħamis 28 ta' Lulju 2011 fil-5.00 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Sur Alffred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |